# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 70/2020 SG**

**Joseph Mercieca u martu Catherine Mercieca**
**għal kull interess li jista' jkolla**

**vs**

**Wasteserv Malta Limited**

**Illum Il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat fit-30 ta' Settembru 2020 bil-proċedura sommarja speċjali li jaqra li hekk :–

1. *Illi l-attur Joseph Mercieca kien jippresta servizzi lis-socjeta' konvenuta u dan fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta stess;*

2. *Illi dawn is-servizzi kienu jikkonsistu fil-provvista ta' wheel shovel ossia gaffa, liema gaffa kienet imbaghad tintuza minn haddiema tas-socjeta' konvenuta jew terzi ohra fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta;*

3. *Illi s-servizz prestart mir-rikorrenti kien jinkludi l-manutenzjoni tal-istess makkinarju kif ukoll il-provvista ta' fuel, fost affarijiet ohra;*

4. *Illi dan is-servizz kien qed jigi originarjament prestart fil-Qortin limiti Xaghra, Ghawdex mnejn kienet topera s-socjeta' konvenuta, u mbaghad kompla jigi prestat fl-impjant 'tal-Kus' limiti Xewkija, Ghawdex mnejn bdiet sussegwentement topera l-istess socjeta' konvenuta;*

5. *Illi l-attur Joseph Mercieca dam jipprovdi dan is-servizz sa meta s-socjeta' konvenuta akkwistat wheel shovel hija stess u b'hekk s-servizzi da parti tal-attur ma baqghux aktar mehtiega;*

6. *Illi meta s-servizz kien qed jigi prestart fil-Qortin limiti Xaghra, Ghawdex, l-attur kien jithallsu bis-siegha fis-sens illi huwa kien jithallas somma ghal kull siegha illi l-wheel shovel kienet tahdem;*

7. *Illi sabiex jigi accertat illi parti ma tapprofittax minn ohra l-partijiet kienu qablu illi tigi nstallata Sistema konsistenti f' datatrack fuq il-makkinarju in kwestjoni bil-ghan illi l-paritjiet ikollhom log ossia rendikont car tas-sighat illi matulhom tkun thaddmet il-wheel shovel in kwestjoni'*

8. *Illi meta s-servizz beda jigi prestart fl-impjant f' tal-Kus limiti Xewkija Ghawdex, l-attur beda jithallas bil-gurnata u dan abbazi ta' quotation ossia purchase order;*

9. *Illi sa fejn jafu l-atturi qatt ma kien hemm kwestjonijeit bejn il-partijiet, la dwar in-natura jew il-kwalita' tas-servizz li kien qed jigi prestart u anqas dwar il-kontijiet li kienu qed jinhargu minn zmien ghal zmien da parti tal-atturi ghas-servizzi hekk prestati;*

10. *Illi minkejja dan il-bilanc dovut baqa' ma thallas;*

11. *Illi l-bilanc globali dovut mis-socjeta' konvenuta lill-atturi illum il-guranata huwa fl-ammont ta' sebgha u sebghin elf erba' mija u Ewro u wiehed u hamsin centezmu (ÆUR 77,401.51), oltre l-imghaxx mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament;*

12. *Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut lill-atturi mis-socjeta' konvenuta;*

13. *Illi minkejja ili s-socjeta' konvenuta giet interpellata kemm-il darba sabiex thallas dan l-istess bilanc, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

14. *Illi sa fejn jafu l-atturi, is-socjeta' konvenuta m' ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq ghal din it-talba;*

*15. Illi dawn il-fatti huma magħrufa lill-atturi personalment;*

*Għaldaqstant u għar-ragunijiet premessi, l-atturi jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja, li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1) *Tiddeciedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2) *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici fil-konfront tal-atturi fl-ammont ta' sebgha u sebghin elf erba' mija u Ewro u wiehed u hamsin centezmu (EUR 77,401.51) oltre l-imghaxx mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament;*

3) *Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-atturi l-ammont ta' sebgha u sebghin elf erba' mija u Ewro u wiehed u hamsin centezmu (EUR 77,401.51) oltre l-imghaxx mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 319/2019 tad-29 ta' Mejju 2019 u tal-ittra ufficjali numru 204/2020 tal-5 ta' Gunju 2020, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi l-konvenuta ghaliha minn issa hija ngunta.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti ppreżentati mar-rikors ġuramentat.

Rat illi l-atti tar-rikors ġuramentat kienu debitament notifikati lis-soċjeta' konvenuta skont il-liġi flimkien mal-avviż tal-kawża.

Rat illi għalkemm il-kawża ssejħet tliet darbiet, is-soċjeta' konvenuta baqgħet ma dehritx.

Eżaminati l-atti.

Billi l-art. 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jridu li s-sentenza tingħata llum stess bid-dispensa tas-smigħ, u wara li l-Qorti eżaminat l-atti kollha, il-Qorti sejra taqta' l-kawza bid-dispensa tas-smigħ u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet magħmula.

**Decide**

**Taqta` u tiddeċidi din il-kawża billi:**

1) **Tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2) **Tiddikjara u tiddeċidi illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi fil-konfront tal-atturi fl-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf, erba' mija u Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€77,401.51ċ) oltre l-imgħaxx mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament;**

3) **Tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-atturi l-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf, erba' mija u Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€77,401.51ċ) oltre l-imgħaxx mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament;**

**Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 319/2019 tad-29 ta' Mejju 2019 u tal-ittra uffiċjali numru 204/2020 tal-5 ta' Ġunju 2020, għandhom jiġu sopportati mis-soċjeta' konvenuta.**

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

20.11.2020 – Sup70.2020 – Joseph Mercieca et vs Wasteserve Malta Limited
791